

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Il-valur miżjud tal-istrategġi makroreġionali

(2014/C 114/04)

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' r-rapport tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2013 u l-valutazzjonijiet tagħha bbażati fuq iż-żewġ strategġi makroreġionali eżistenti (għar-reġjuni tad-Danubju u tal-Baħar Baltiku). Il-Kumitat jilqa' wkoll il-proposti tal-Kummissjoni biex jiġi kjarifikat il-kunċett bażi tal-istrategġi makroreġionali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tagħha għal miżuri sussegwenti, filwaqt li titqies il-ħidma kontinwa fuq l-istrategġi makroreġionali eżistenti u l-pjan ta' azzjoni għall-Atlantiku, l-istrategġija li qed tiġi żviluppata issa għar-reġjun tal-Adrijatiku u Jonju, l-istrategġija makroreġionali għall-Alpi, u kwalunkwe strategġi oħra li jistgħu jiġu żviluppatti fil-futur;
2. jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar il-valur miżjud tal-istrategġi makroreġionali li jenfasizzaw ir-rwol prinċipali tal-makroreġjuni eżistenti u jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jadattaw l-aħjar Prattiki tal-approċċ makroreġionali anke foqsmata ta' kooperazzjoni fuq skala u intensità inqas meta dan ikun xieraq;
3. jaqbel mal-Kummissjoni li l-approċċi strateġiċi makroreġionali u tal-baċin marittimu għandhom l-istess aspirazzjonijiet peress li dawn effettivament jindirizzaw l-istess filosofija, għandhom l-istess għanijiet, japplikaw l-istess firxa ta' miżuri fit-territorji kkonċernati u jagħmlu parti mill-istess qafas politiku Ewropew. Dawn iż-żewġ tipi ta' strategġija jippermettu l-kooperazzjoni f'diversi setturi u l-governanza f'diversi livelli. Il-KtR jitlob li l-Kummissjoni tikkjarifika kif jista' jkun hemm tagħlim reċiproku matul l-implimentazzjoni futura taż-żewġ approċċi;
4. huwa sodisfatt biż-żmien li fih ħareġ ir-rapport tal-Kummissjoni b'rabta mal-perjodu ta' programmar ġdid 2014-2020, u jfakkar li l-KtR fl-Opinjoni tiegħu "Strategġija għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana/Kanal Inġliż" (CdR 99/2010 fin) kien diġà talab Green Paper li fiha l-Kummissjoni tinvestiga u tiddefinixxi r-rwol u t-tħaddim tal-makroreġjuni b'mod iktar preċiż;
5. itenni l-appoġġ tiegħu għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrategġi makroreġionali u jenfasizza l-importanza politika u strateġika tal-ħidma li saret s'issa fuq l-istrategġi tal-Baħar Baltiku u d-Danubju għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni f'dawn il-makroreġjuni kemm fi ħdan l-UE kif ukoll ma' pajjiżi barra mill-UE. Dawn l-istrategġi jwittu t-triq billi japplikaw approċċi ġodda għall-kooperazzjoni u jagħtu spinta 'l quddiem lill-integrazzjoni Ewropea;
6. jinnota li l-prinċipji bażiċi tal-ħidma fuq l-istrategġi makroreġionali jinkludu s-sinergġi ġenerati mill-kooperazzjoni meta jkun hemm ftitxija għal soluzzjonijiet għal problemi li jaffettwaw żona ġeografika waħda, jew ideat sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' dik iż-żona. Huma importanti wkoll it-titjib tal-koordinament tar-riżorsi disponibbli u l-aġġornar tal-kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet eżistenti, b'mod speċjali fil-każ tar-rwol assenjat lill-awtoritajiet lokali u reġionali, mingħajr ma jinħoloq livell ieħor ta' amministrazzjoni;
7. jenfasizza l-valur miżjud tal-UE fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrategġi makroreġionali, u jinnota l-importanza li l-Kummissjoni Ewropea tibqa' attur strateġiku ewlieni ta' koordinazzjoni fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strategġi makroreġionali;
8. jinnota l-importanza tal-proposta tal-Kummissjoni biex kwistjonijiet relatati mal-istrategġi makroreġionali jiġu diskussi regolarment fil-Kunsill settorjali rilevanti. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew għandhom rwol ewlieni x'jaqdu meta japprovaw u jippromovu strategġija;
9. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' sistemi ta' governanza innovattivi u biex jinvolvu lir-reġjuni, il-muniċipalitajiet u l-korpi Ewropej, bħar-REKT u strumenti oħra tal-kooperazzjoni territorjali bħalma jistgħu jkunu l-komunitajiet tax-xogħol, fi proċess ġenwin ta' kodeċiżjoni, speċjalment fir-rigward tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrategġi makroreġionali; Il-Kumitat tar-Reġjuni jinnota li l-valur miżjud tar-REKT u strumenti oħra tal-kooperazzjoni territorjali jista' jkompli jikber billi jiġu involuti fl-istrategġi makroreġionali;

10. Iħoss li huwa importanti li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandha tissaħħaħ u tiġi estiża sabiex tkopri l-oqsma differenti tal-politika tal-Unjoni, u li tiġi estiża tul setturi differenti. L-istrategġija makroreġjonali għandhom iservu bħala għodda għall-kooperazzjoni bejn il-livell lokali u reġjonali, l-Istati Membri u l-UE sabiex jiġu appoġġjati dawn l-oġġettivi;

L-applikazzjoni effettiva tal-approċċ tal-istrategġija makroreġjonali – ir-riżultati tar-rapport

11. jinnota l-osservazzjonijiet ewlenin fir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-ħidma tal-istrategġija li twettqet s'issa fil-makroreġjuni; din tejbet l-iffukar fuq ir-riżorsi disponibbli sabiex jinkisbu għanijiet komuni, ippromoviet approċċ transsettorjali, eż. għal kwistjonijiet ambjentali u biex ir-reġjuni jsiru aktar kompetittivi, u tejbet il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi li qed jipparteċipaw u bejn l-atturi nazzjonali varji;

12. josserva, fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, li l-approċċ tal-istrategġija makroreġjonali pprova valur miżjud definit fir-rigward tal-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u reġjonali fl-Ewropa;

13. juri li l-istrategġija makroreġjonali attwali jenfasizzaw, b'mod eżawrijenti u minn angoli differenti, il-prijoritajiet li jeħtieġu kooperazzjoni mill-qrib. L-istrategġija riveduta tal-Baħar Baltiku b'kollox għandha 17-il qasam ta' prijorità u ħames azzjonijiet orizzontali, filwaqt li l-istrategġija tad-Danubju għandha 11-il qasam ta' prijorità. It-temi jkopru l-ħtieġa għal kooperazzjoni dwar it-trasport, l-ambjent, in-negozju u l-ekonomija, il-ħiliet u l-kultura, u l-benessri. Il-pjan ta' azzjoni għall-istrategġija tal-Baħar Baltiku jelenka aktar minn 100 inizjattiva ewlenija filwaqt li l-istrategġija tad-Danubju tinkludi aktar minn 400 proġett kooperattiv, li 150 minnhom diġà qeġhdin fis-seħħ;

14. jinnota l-importanza li tkun possibbli valutazzjoni mill-ġdid tal-prijoritajiet ta' strategġija makroreġjonali meta jkunu qed jiġu implimentati jekk ikun hemm bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi, jew jekk it-tagħlim miksub jirrikjedi dan. Dan ser jiżgura li r-riżorsi jiġu mmirati b'mod effettiv tul l-implimentazzjoni;

15. jinnota l-importanza tal-iffukar tal-istrategġija makroreġjonali fuq għanijiet b'aspetti makroreġjonali realistiċi ddefiniti b'mod ċar; dawn għandhom iservu bħala bażi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi li jinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti.

16. jenfasizza r-rwol ewleni li għandhom il-proġetti kooperattivi prattiċi fil-ħolqien ta' valur miżjud reali tal-istrategġija makroreġjonali. Tul l-implimentazzjoni prattika, għandha tingħata aktar attenzjoni lill-modi kif tiġi ġenerata attività ta' proġett innovattiva li tissodisfa l-għanijiet strateġiċi makroreġjonali b'mod iffokat. Fil-preżent, il-kooperazzjoni tal-proġett qed tiġi gwidata aktar mir-regoli għall-istrumenti finanzjarji, u hemm biss ftit lok għall-innovazzjoni. Dan l-approċċ mhuwiex l-aħjar mod kif tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-istrategġija makroreġjonali. Fil-ġejjieni ser tinħtieġ flessibbiltà kemm fi ħdan l-istrumenti finanzjarji individwali nfishom kif ukoll bejniethom, kif ukoll lok biex titjeb il-koordinazzjoni tal-istrumenti finanzjarji differenti. Għandu jsir aktar sforz sabiex jiġu semplifikati r-regoli li jiggvernew l-istrumenti finanzjarji. F'dan il-kuntest jenfasizza l-importanza partikolari tal-Programm INTERREG-B li għandu l-għan li jimplementa l-proġetti ta' kooperazzjoni fil-makroreġjuni fil-perjodu 2014-2020;

17. jenfasizza li fil-ġejjieni għandu jittieħed approċċ aktar strateġiku għal xogħol fuq proġett li jikkorrespondi mal-Istrategġija Ewropa 2020, mal-qafas ġenerali tal-programm tal-UE 2014-2020, u mal-istrategġija u l-programmi nazzjonali u reġjonali. Fix-xogħol fuq il-proġetti li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-istrategġija makroreġjonali, huwa importanti li tkun possibbli l-kooperazzjoni tul is-setturi u l-oqsma ta' prijorità, kif ukoll flessibbiltà u rispons sabiex jinħatfu l-opportunitajiet il-ġodda u jiġu ffaċċjati l-isfidi l-ġodda;

18. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi forom ġodda ta' kooperazzjoni u inizjattivi ġodda ta' proġett, u jinnota, bħala eżempju, l-importanza li għandhom il-flejjes inizjali fl-iżvilupp ta' impriżi kooperattivi ġodda. L-ewwel fażi ta' applikazzjoni għall-Faċilità ta' Flus Inizjali tal-Istrategġija tal-Baħar Baltiku kellha fondi allokati għal total ta' 14-il proġett preparatorju għall-iżvilupp ta' proġetti kooperattivi biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-istrategġija. Ingħata appoġġ b'suċċess għall-ħidma ta' tħejjija ta' proġett simili bħala parti mill-istrategġija tad-Danubju;

19. iħeġġeġ lill-Istati Membri li jagħmlu parti minn strategġija makroreġjonali, kif ukoll lill-Kummissjoni Ewropea, sabiex jikkunsidraw flimkien, meta jkunu qed jipprogrammaw il-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE għall-2014-2020, kif l-aħjar jappoġġjaw il-promozzjoni tal-attività tal-proġett internazzjonali bħala parti mill-ipprogrammar nazzjonali u reġjonali. L-Istati Membri, taħt it-tmexxija tal-Kummissjoni Ewropea, għandhom juru biċ-ċar ir-rabta bejn il-programmi ta' fondi tal-UE differenti u l-implimentazzjoni tal-istrategġija makroreġjonali, u fejn ikun possibbli jidentifikaw l-istrumenti finanzjarji nazzjonali li jistgħu jintużaw għal dan il-għan;

20. jenfasizza l-importanza kritika tal-kooperazzjoni bejn il-koordinaturi tal-oqsma ta' prijorità u l-azzjonijiet orizzontali fl-istrategġija tal-Baħar Baltiku u tad-Danubju, u l-kooperazzjoni fil-livell reġjonali u lokali, biex jiġu ġenerati dossiers ta' proġett ġodda li jgħinu sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-istrategġija makroreġjonali. Għandhom jiġu żgurati wkoll kundizzjonijiet operattivi adegwati għal dawn l-atturi. Il-Kummissjoni Ewropea u l-partijiet interessati rilevanti huma mitluba jqisu l-għażliet kollha għal appoġġ finanzjarju sempliċi u disponibbli għall-koordinaturi ta' żoni prijoritarji u għall-mexxejja ta' azzjonijiet orizzontali;

21. jinnota li, minkejja li l-Kummissjoni kkjarifikat l-istrutturi ta' governanza għall-istrategġija tal-Baħar Baltiku u tad-Danubju, kif ukoll spjegat fid-dettall il-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-atturi varji (il-punti ta' kuntatt nazzjonali, il-koordinaturi tal-oqsma ta' prijorità, il-mexxejja tal-azzjonijiet orizzontali u l-mexxejja tal-proġetti ewlenin), il-governanza għadha titqies bħala problematika, skont l-istħarriġ li wettqet. Il-Kumitat tar-Regġuni jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw modi kif jiġu semplifikati l-istrutturi attwali ta' governanza. Għandu jissaħħaħ aktar ir-rwol tal-livell lokali u reġjonali.

22. jenfasizza l-importanza li jiġu komunikati l-għanijiet tal-istrategġija makroreġjonali u l-kooperazzjoni kontinwa lill-aktar partijiet interessati possibbli, sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-kooperazzjoni Ewropea u jiġi promoss impenn usa' għall-implimentazzjoni tal-istrategġija. Il-Kumitat jemmen li għandhom jitfasslu linji gwida fil-livell makroreġjonali kif ukoll dak nazzjonali sabiex jiġu appoġġjati l-komunikazzjoni u l-attivitajiet tal-partijiet interessati. Għandu jsir użu akbar tal-opportunitajiet offruti mill-pjattaformi tal-informazzjoni diġitali għall-iskambju tal-esperjenza u l-eżempji tal-aqwa Prattika identifikati waqt il-proġetti;

It-tmexxija

23. jinnota li l-atturi politiċi ta' livell għoli għandhom juru impenn ċar u jieħdu pożizzjoni ta' tmexxija jekk nixtiequ li naraw progress fl-implimentazzjoni tal-istrategġija fil-pajjiżi parteċipanti kollha; Għandu jiġi żgurat impenn fil-livell tal-Istati Membri sabiex jiġi provdut l-aqwa appoġġ possibbli għall-isforzi lokali u reġjonali għall-implimentazzjoni tal-istrategġija;

24. jilqa' b'sodisfazzjon ir-reviżjoni separata dwar it-tisħiħ tat-tmexxija fl-istrategġija attwali, li għandha titwettaq flimkien mal-forums annwali tal-istrategġija fl-2014;

Il-governanza f'diversi livelli: aspekk vitali tal-implimentazzjoni

25. jiġbed l-attenzjoni għall-opinjonijiet preċedenti dwar l-istrategġija tal-Baħar Baltiku riveduta (2012), dik tal-istrategġija tad-Danubju (2011), dwar il-kooperazzjoni territorjali fil-baċir tal-Mediterran permezz tal-makroreġjun Adrijatiku-Jonju (2011), u dwar l-istrategġija għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana/Kanal Inġliż(2010), fejn il-Kumitat enfasizza bis-sħiħ l-importanza tal-governanza f'diversi livelli fl-implimentazzjoni tal-istrategġija. L-involvement tal-partijiet interessati kollha b'mod konsistenti u sostnut huwa kruċjali biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrategġija u biex din tkun suċċess;

26. iqis importanti l-proposta tal-Kummissjoni li tiġi kkunsidrata l-inklużjoni tal-pubbliku u forums istituzzjonali oħra tal-UE fil-governanza tal-istrategġija, u jirrakkomanda li jiġi eżaminat kif jistgħu jintużaw b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet. Organizzazzjonijiet u pjattaformi ta' kooperazzjoni varji jistgħu jaħdmu b'mod aktar effettiv bħala għodda sabiex jiġu impenjati l-atturi fl-implimentazzjoni tal-istrategġija makroreġjonali. Min-naħa tiegħu, il-Kumitat lest li jikkooopera fil-forums esperti varji;

27. jinnota li terz minn dawk li wiegħbu l-istħarriġ imwettaq mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni tagħha qalu li l-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli ma kienx rifliss bis-sħiħ fil-linji gwida ta' politika tal-Istat Membru jew fil-livell ta' proġett jew fid-deċizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' proġett. Il-Kumitat iħoss li għandu jkun hemm enfasi akbar fuq it-tisħiħ tal-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli, b'mod speċjali fl-implimentazzjoni tal-istrategġija. Dan ser jeħtieġ li tittieħed azzjoni, b'mod partikolari mill-Istati Membri li jipparteċipaw fl-istrategġija, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni;

28. jissuġġerixxi li fl-implimentazzjoni tal-istrategġija makroreġjonali, u b'konformità mal-prinċipji ta' sħubija u trasparenza, għandhom jiġdiedu l-opportunitajiet ta' involvement mhux biss għal atturi lokali u reġjonali iżda wkoll għal atturi tas-soċjetà ċivili. Għandhom jiddaħħlu konsultazzjonijiet regolari tal-awtoritajiet lokali u tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fil-livelli kollha ta' governanza fl-implimentazzjoni ta' strategġija makroreġjonali.

Strateġiji ġodda

29. jipproponi li titqies l-esperjenza pożittiva mal-istrateġiji eżistenti tal-Baħar Baltiku u tad-Danubju fil-ħidma fuq strateġiji għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju, u jirrakkomanda, b'mod speċjali f'dan il-kuntest, li jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-istrateġiji makroreġjonali differenti;

30. jirreferi għall-Opinjoni tiegħu li ġiet adottata b'mod unanimu *Strateġija għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana/Kanal Inġliż* (CdR 99/2010fin), fejn fid-dawl tal-isfidi kbar li qed tiffaċċja din iż-żona talab li tinħoloq strateġija makroreġjonali għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana u l-Kanal Inġliż u jiddispaċi li l-Kummissjoni għadha ma ppubblikatx il-Komunikazzjoni li wegħdet dwar l-implimentazzjoni ta' politika marittima integrata għall-Baħar tat-Tramuntana l-Kbir;

31. bl-istess mod jilqa' valutazzjoni tal-effettività tal-"istrateġiji tal-baċir tal-baħar" u jqabbel dan mal-esperjenzi tal-istrateġiji makroreġjonali eżistenti, qabel ma jiġu żviluppatti iktar strateġiji tal-baċir tal-baħar;

32. itenni l-fehmiet espressi f'opinjonijiet preċedenti tal-KtR dwar kif atturi differenti jistgħu jitħeġġu jimpenjaw ruħhom verament fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali: jinħtieġu teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti, qsim ta' informazzjoni komprensiv, u l-iżvilupp ta' *modus operandi* komuni fil-livelli kollha;

33. jappella lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill jappoġġjaw l-iżvilupp ta' strateġiji makroreġjonali futuri u pjani ta' azzjoni relatati, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti. Dan għandu jgħin ukoll lis-sistemi ta' governanza innovattivi biex jagħtu rwol ġenwin ta' kodeċiżjoni lill-awtoritajiet lokali u reġjonali meta jkunu qed jiġu mfasla u implimentati l-istrateġiji;

34. jenfasizza li l-istrateġiji makroreġjonali għandhom ikomplu jiġu direzzjonati lejn sfidi reġjonali li l-Istati Membri individwali mhumiex kapaċi jindirizzaw, jew għandhom diffikultajiet serji sabiex jagħmlu dan, fir-reġjun tagħhom, jew li huma tant partikolari għal dak il-makroreġjun li jeħtieġu konsiderazzjoni speċjali fi ħdan qafas ta' politika usa' tal-UE. L-istrateġiji makroreġjonali għalhekk m'għandhomx jindirizzaw biss l-interessi reġjonali komuni, iżda għandhom jinkludu wkoll strateġiji ta' rispons magħmula apposta biex jirriflettu l-isfidi reġjonali speċifiċi. Konnessjonijiet effiċjenti tat-trasport f'makroreġjun huma waħda mill-kundizzjonijiet bażiċi għall-kooperazzjoni, u l-Kumitat jemmen li dan għandu jitqies meta jiġu żviluppatti strateġiji ġodda; kwistjoni oħra ta' importanza kbira għall-futur ta' ħafna territorji Ewropej hija l-isfida demografika, li l-problemi speċifiċi tagħha huma relatati mal-kuntesti ġeografiki makroreġjonali;

35. jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġu identifikati metodi adegwati sabiex jiżiedu l-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali, u jitkomplew jiġu appoġġjati l-modi ta' kooperazzjoni eżistenti li wrew li huma utli u effikaċji fejn l-istrateġiji makroreġjonali huma biss alternattiva waħda;

36. iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jivvalutaw l-iżvilupp ta' strateġiji makroreġjonali ġodda minħabba l-isfidi u l-opportunitajiet komuni taż-żona ġeografika inkwistjoni, waqt li jitqiesu l-prinċipji tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali u għalhekk tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni rurali, liż-żoni affettwati minn tranżizzjoni industrijali u lir-reġjuni li jsofru minn żvantaġġi naturali jew demografiki severi u permanenti bħal, pereżempju, ir-reġjuni li jinsabu fil-partijiet l-aktar imbiegħda tat-Tramuntana b'densità tal-popolazzjoni baxxa ħafna u gżejjer, reġjuni transkonfinali u muntanjużi. Il-livell lokali u reġjonali għandu jkun involut fid-diskussjoni fi stadju bikri meta jkunu qed jiġu stabbiliti l-għanijiet tal-istrateġiji, kif kien il-każ, pereżempju, meta kienet qed tiġi żviluppata l-istrateġija tal-Baħar Baltiku. Bl-istess mod m'għandux jintesa li s-soċjetà ċivili għandha tiġi involuta f'dan il-proċess. Il-fehim tal-livell lokali u reġjonali u tas-soċjetà ċivili dwar il-ħtiġijiet u l-potenzjal ta' reġjun, kif ukoll in-netwerks ta' kooperazzjoni lokali eżistenti, jipprovdu pedament sod għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġija;

Il-pajjiżi mhux tal-UE u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali

37. jinnota li l-Kunsill qies il-fehmiet espressi mill-Kumitat fl-opinjoni tiegħu dwar l-Istrateġija Riveduta tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (CdR1272/2012 fin) meta rrakkomandat li titkompla l-azzjoni sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tad-Dimensjoni tat-Tramuntana u l-imsieħba tagħha fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Baħar Baltiku. L-istrateġija għar-reġjun tad-Danubju hija ta' importanza ewlenija biex tingħata spinta 'l quddiem lill-kooperazzjoni bejn 14-il pajjiż, magħmula minn Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi;

38. jenfasizza li l-istrateġiji makroreġjonali għandhom isaħħu l-pożizzjoni tal-UE u l-makroreġjun kif ukoll l-interazzjoni bejniethom u ma' reġjuni barra l-UE. Filwaqt li dawn huma strateġiji tal-UE, bosta mill-għanijiet tagħhom impossibbli jintlaħqu mingħajr il-kooperazzjoni jew xi ftehim dwar il-prijoritajiet ma' imsieħba mhux mill-UE. Il-kooperazzjoni ma' reġjuni barra mill-UE hija kritika għall-ħidma kemm tal-istrateġija tal-Baħar Baltiku kif ukoll ta' dik tad-Danubju, mhux biss biex tingħata spinta 'l quddiem lill-kompetittività ekonomika u l-koeżjoni tal-makroreġjun, iżda wkoll biex jiġu żviluppati r-rabtiet esterni tal-UE. Fl-istess perspettiva, l-involviment ta' pajjiżi terzi, bl-implikazzjonijiet tagħha kemm fil-livell tal-Politika tal-Viċinat kif ukoll f'dik dwar it-tkabbir, jista' jimplika, sa mill-bidu, element prinċipali għas-suċċess tal-istrateġiji makroreġjonali futuri;

Konklużjonijiet

39. jenfasizza li l-ħidma li saret s'issa fuq l-istrateġija ma tippermettix li jinsiltu minn issa konklużjonijiet ta' influwenza estensiva dwar l-impatt ta' dan l-approċċ mil-lat tal-kisba tal-għanijiet orizzontali u integrati tal-UE;

40. juri li l-perjodu ta' finanzjament il-ġdid tal-UE mill-2014 joffri prospetti tajba għal ħidma aktar effettiva u produttiva fuq l-istrateġiji. Il-Kumitat jitlob li jkun hemm kooperazzjoni mmirata bejn l-Istati Membri differenti u l-awtoritajiet ta' finanzjament, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fl-isforzi ta' żvilupp nazzjonali;

41. jirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli timmonitorja b'mod konsistenti l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali kif ukoll l-istrateġiji tal-baċir tal-baħar u tivvaluta l-valur miżjud tagħhom għall-Ewropa kollha kemm hi, mhux biss mill-perspettiva tal-istrateġiji makroreġjonali individwali.

Brussell, 28 ta' Novembru 2013

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO